
MONS SION IN JERUSAL



Il-Qaddis
San Franġisk t'Assisi
jieħu
M'n idejn il-Kavalieri tas-Salib
L-istendard u t-tmexxija
tal-Art Imqaddsa.

Id-Disa' Sena | APRIL - ĠUNJU, 1963 | Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEħEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOHROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Id-Disa' Sena APRIL - ĠUNJU, 1963 Għadd 2


## X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Kif tkun tas-sew Nisrani? (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... | 33 |
| Il-Quddiesa tal-Lhud fi żmien Ġesù Kristu (P.P. Saydon) ... ... ... | 34 |
| Dawra mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... ... | 36 |
| Il-Ħalliel it-Tajjeb (Qostandi) ... ... ... ... ... ... ... ... | 40 |
| Għaliex il-Kalvarju jgħidulu Muntanja (P. Ant. Olivan, O.F.M.) ... ... | 44 |
| Il-Qabar ta' San Ġakbu fil-Wied ta' Kedron (Abuna Jagħqub) ... ... | 48 |
| Disa' Xhur f s-Salt (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... | 53 |
| Bis-Saħħa tal-Bebbux (Ħanna l-Malti) ... ... ... ... ... ... | 58 |
| Il-Ġrajja ta' Adam (Hanan) ... ... ... ... ... ... ... ... | 60 |
| Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... | 63 |
| Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 64 |



*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# KIF TKUN TAS-SEW NISRANI ?

*Meta tarbija jgħammduha, ssìr Nisranija. Jitwarrab minnha dnub in-nisel, u bis-saħħa tat-Tbatija u l-Mewt ta' Kristu li bihom ġieb il-Fidwa, jitneħħielha l-jedd ta' bieb il-mewt, u jinfetħulha bwieb il-Ħajja. Imma dan ma jfissirx li meta tikber, tagħmel x'tagħmel, tmûr il-Ġenna. Biex tmûr il-Ġenna trîd issaħħaħ b'egħmilha l-kelma li ngħatat 'l Alla f'isimha, li tiċħad ix-xitân u l-għorsien tiegħu, u tgħîx ħajjitha u tqîs egħmilha fuq it-tagħlim ta' Ġesù.*

*Imma fejn hu Ġesù? Min ijrîd jgħîx ta' Nisrâni, fejn imûr jisimgħu jgħallem?*

*Hawn għâdu Ġesù, fid-dinja, ħaj, u mimli bil-qawwa. Hawn għâdu magħna, fl-Appostli tiegħu li qalilhom: "Mîn jisma' lilkom jisma' lili" (Luqa, X, 16), "Morru mad-dinja kollha, xandru tagħlîmi lil kull ħadd" (Mark, XVI, 15. Għallmu lil Ġnûs kollha, u għîdulhom ijħârsu dak li jien amart għalîkom. Araw li jien inkun fostkom, iż-żmien kollu, sa tmiem id-dinja" (Matt. XXVIII, 19-20). U tagħlîm l-Appostli nsibuh fil-Kotba tal-Evanġelju, li kitbu huma u ħallewhomlna. Dawk il-Kotba li l-Ġemgħa tal-Insâra, jiġifieri l-Knisja, bl-immexxija minn Rûħ il-Qodos, ħarsithomlna. Hemm jinsâb it-Tagħlîm ta' Ġesù. Dawk huma Ġesù l-Ħaj. Hemm jinsab kollox x'għandna ngħamlu f'kull xorta ta' ħâl li nkunu fih. Imma iftaħ għajnejk u ħaddem moħħok, u qîs u iżen kull egħmilek. Isma l-kelma ta' Ġesù lill-Ixirka tiegħu: "Araw li ħadd ma jqarraq bikom! Għax wisq nies ħżiena jiġu b'ismi, u jqarrqu b'ħafna!" (Matt. XXIV, 4-5). U ara li int ukoll ma tgħallatx rûħek, billi l-ħażîn tiegħek tgħoddu b'tajjeb, u d-dlâm tiegħek tgħoddu b'dawl (Luqa, IX, 35; Matt. IX, 23). Naddaf, mela, fehemtek, u la taħsebx li sa tiret il-Ġenna bix-xama' u l-kurunelli. Ara li ma titlaqx il-ħwejjeġ il-kbâr biex tagħmel iż-żgħar (Mark, VII, 9). Iftakar li jekk timla moħħok bit-tpeċpiċ tat-tjieba fiergħa, ma jibqâx fîh wisa' għal egħmîl tas-serjetà. Lil Ġesù ma tqarraqx bih biż-żgħil u l-kliem tal-ħlewwa (Matt. VII, 21). Imma trid timxi t-trîq li mexa Hu. "Kif kaptan ġifen ijżomm għajnejh fuq il-boxxla u l-kewkba, biex la jintilef, hekk ukoll int, żomm dejjem f'moħħok il-kliem tal-Mulej: "Għożż lil għajrek bħalek in-nifsek" (Matt. XXIV, 44). U: "Kull ma tagħmlu, ta' ġid jew deni, ma l-anqas wieħed fost ħuti, tkunu għamiltuh miegħi"*

*Tismagħha l-qanpiena ta' knisjiet pajjiżek, kemm il-darba ma'tul il-ġimgħa ddoqq il-ħabar ta' min miet? DIK GĦAD TRID IDDOQQ IL-ĦABAR TAL-MEWT TIEGĦEK! Kun, mela, dejjem imhejji (Matt. XXIV, 44), biex meta jiġi Sidek, isibek tagħmel dak li amrek Hu. (Matt. XXIV, 46-51). Qîs li tkun tas-sew Nisrâni. Ogħla fuqek in-nifsek, u oħnoq l-egoiżmu li jinsâb fîk. Ħâres lejn għajrek mill-għoli, u arah bħal ma jarah Alla, li ħalaq lilek u lilu. Għîn lill-oħrajn kollha, sa lill-egħdewwa tiegħek, bil-qalb u bis-sodoq, f'kull ħtieġ. Aħżen kemm tista' miel għassema, għax iż-żmien għaddej, u l-mewt tistenna. Tajjar il-għażż minn fuqek, u agħti ruħek għal ħidma. Ara nies id-dinja kemm jaħsbu bil-lejl u jaħdmu bi nhâr, biex dejjem aktar ikattru ġidhom. Għax bħal ma qal Ġesù n-nifsu: "Ulied id-dinja, f'ġenshom, huma aktar bil-għaqal minn ulied id-dawl! (Luqa, XVI, 8).* *ID-DIREZZJONI.*